**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Marco Rapinett)**

**-Vs-**

**MARCO RAPINETT**

**Illum, 4 ta' April 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni miġjuba fil-konfront ta' **MARCO RAPINETT** ta' 36 sena, iben Carmelo u Pauline nee' Farrugia li twieled ġewwa Pieta' nhar l-4 ta' Marzu 1988, residenti 102, Triq San Lawrenz, Birgu, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 127488M, li ġie akkużat talli nhar it-2 ta' April 2024 u fil-ġranet u jew ġimgħat u jew xhur ta' qabel ġewwa Bormla u diversi postijiet ġewwa dawn il-gżejjer:

1. Kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), preseduta mill-Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja LL.D, datat 28/10/2021 f'dan li bih ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet fosthom li jirraporta fl-għassa tal-Pulizija ta' Cospicua.

Il-Qorti hija mitluba wkoll titratta lil Marco Rapinett bħala persuna reċediva meta ġie sentenzjat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jiġu mibdula u dan bi ksur tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba li tirrevoka l-ħelsien mill-arrest ta' l-imsemmi Marco Rapinett u tordna l-arrest mill-ġdid ta' l-imsemmi imputat u, jew, tordna li s-somom jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta.

Semgħet lill-imputat iwieġeb mhux ħati;

Semgħet ix-xhieda tal-Ispettur Eman Hayman u rat id-dokumenti kollha akkwiżiti fl-atti inkluża il-kopja awtentikata tad-digriet datat 28 ta' Ottubru 2021 (Dok. EH1) u l-bail book (Dok. EH2);

Semgħet ix-xhieda in difesa;

Semgħet is-sottomissjonijiet orali tal-Prosekuzzjoni u tad-difiża;

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat jinsab mixli bir-reat taħt l-artikolu 579(2) tal-Kap. 9 ċioe' li kiser il-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest li imposti fuqu bid-digriet mogħti fit-28 ta' Ottubru 2021.

Mis-smigħ tax-xhieda tal-Uffiċjal Prosekutur jirriżulta li l-ksur addebitat lill-imputat huwa tal-kundizzjoni bin-numru ħamsa (5) tad-digriet li kopja awtentikata tiegħu ġie esebit bil-ġurament tiegħu bħala Dok. EH1 għaliex, kif xehed l-istess Spettur, minkejja illi l-imputat ġie obbligat jirrapporta fl-Għassa tal-Pulizija tal-Bormla kuljum bħala waħda mill-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest, fix-xhur li għaddew huwa naqas b'mod sistematiku li jonora dan l-obbligu u evidentement ma jiffirmax il-bail book kuljum. Għalkemm ġie konċess mill-Prosekuzzjoni illi l-imputat għadda minn

episodji trawmatiċi riċentement fosthom il-mewt ta’ missieru madwar xaharejn ilu kif ukoll safa aggredit u sofra offiżi gravi lejn l-aħħar tas-sena li għaddiet, liema episodji bla dubju kienu jiġġustifikaw sa ċertu limitu in-nuqqas ta’ osservanza tal-obbligu ta’ iffirmar kuljum fl-Għassa, ġie sottomess illi xejn ma jiġġustifika l-persistenza tal-imputat illi jibqa’ ma jonorox, sistematikament, dan l-obbligu impost għall-fini tal-ħelsien mill-arrest.

Ma jirriżultax mill-provi li ressqet il-Prosekuzzjoni li l-imputat kiser xi obbligu ieħor minn dawk imposti fuqhom fid-digriet tat-28 ta’ Ottubru 2024 u ġie espressament eskluż mill-Prosekuzzjoni li l-imputat kiser l-obbligu ta’ rinkażar tant illi mix-xhieda jirriżulta li l-imputat għad illi ma jkunx irrapporta l-Għassa kif obbligat, dejjem jinsab ġewwa r-residenza tiegħu.

Minn eżami ta’ dan id-digriet jirriżulta illi Marco Rapinett ingħata l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest taħt numru ta’ kundizzjonijiet, fosthom l-imsemmija kundizzjoni enumerata ħamsa (5) fid-digriet, liema kundizzjoni tgħid hekk testwalment:-

“*li jirrapporta fl-Għassa tal-Pulizija ta’ Cospicua bejn 08:00 u 18:00 b’dan illi jekk ma jkunx jista’ jirrapporta kif fuq ingħad, għandu jibgħat ċertifikat mediku fi żmien sitt (6) sigħat mill-ħin li qed jiġi obbligat li jirrapporta.*”

Il-Prosekuzzjoni, kif rajna, xlietu li ma osservax l-obbligu li jirrapporta kuljum fl-Għassa tal-Pulizija ta’ Cospicua. Madanakollu, minn qari bir-reqqa tal-kundizzjoni li timponi l-obbligu ta’ rapportar fl-Għassa tal-Pulizija, ma jirriżulta minn imkien illi l-imputat huwa obbligat jiffirma “***kuljum***” kif ġie allegat mill-Prosekuzzjoni. Huwa minnu li lanqas m’hu indikat li l-imputat huwa obbligat jiffirma tant darbiet fil-ġimgħa jew f’xi ġranet partikolari, dan żgur ma jfissirx lanqas li huwa obbligat jirrapporta fl-Għassa kuljum kif ġie allegat mill-Prosekuzzjoni. Minn ezami tal-bail book esebit fl-atti (Dok. EH2), jirriżulta illi għalkemm tassew l-imputat ma ffirmax il-bail book kuljum u dan ripetutament, fl-istess waqt huwa evidenti illi l-imputat iffirma l-bail book regolarment.

Għaldaqstant, f'dan il-kwadru ta' fatti diffiċilment tista' l-Qorti tikkonkludi serenament illi l-imputat kiser xi obbligu impost fuqu fid-digriet tat-28 ta' Ottubru 2021, wisq inqas l-obbligu li jirrapporta kuljum fl-Għassa tal-Pulizija ta' Cospicua meta kif rajna, minn imkien ma jirriżulta mill-provi proċesswali li kien obbligat jirrapport kuljum u lanqas f'xi ġurnata jew oħra speċifika. Billi għalhekk jeżisti dubju dettat mir-raġuni dwar il-ħtija tal-imputat għar-reat taħt l-artikolu 579(2) tal-Kap. 9 in kwantu għall-obbligu impost fil-kundizzjoni bin-numru ħamsa tad-digriet u mill-provi ma jirriżulta ebda ksur ieħor tal-imsemmi digriet, il-Qorti ma tistax issibu ħati tal-ewwel imputazzjoni u lanqas tal-addebitu tar-reċidiva li jiddipendi bis-sħiħ fuq sejbien ta' ħtija għar-reat fl-ewwel imputazzjoni.

**Għal dawn il-motivi, ma ssibx lil MARCO RAPINETT ħati tal-imputazzjoni u lanqas tal-addebitu tar-reċidiva u tilliberah minn kull ħtija u piena.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**